

## V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA  
TAL-KOMPETIZZJONI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni****(Il-Każ M.7291 — Versalis/Novamont)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 260/11)

1. Fl-1 ta' Awwissu 2014, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> li biha l-impriża Versalis S.p.A. ("Versalis", l-Italja), ikkontrollata minn ENI S.p.A. ("ENI", l-Italja), u Novamont S.p.A. ("Novamont", l-Italja) jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' kumpanija ġdida li tikkonsisti f'joint venture.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:
  - Versalis hija attiva fil-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' portafoll wiesa' ta' prodotti petrokimiċi, kif ukoll fil-bejgħ ta' liċenzji li jirrigwardaw it-teknoloġiji u l-għarfien tagħha, Versalis hija sussidjarja proprjetà sħiħa ta' Eni, kumpanija multinazzjonali Taljana taż-żejt u tal-gass, li topera f'għadd kbir ta' oqsma inkluża l-enerġija nukleari, l-enerġija, il-kimika, il-plastika u raffinar.
  - Novamont hija kumpanija Taljana attiva fil-produzzjoni tal-bijoplastika bbażata fuq prodotti bijo u polimeri bijodegradabili li jinkisbu parzjalment jew kollha kemm huma minn riżorsi rinnovabbli.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(2)</sup> ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301), bl-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bin-numru ta' referenza M.7291 — Versalis/Novamont, fl-indirizz li ġej:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

(<sup>1</sup>) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

(<sup>2</sup>) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.